MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Talba Numru. 1498/2002

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Josephine Anne Cassar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Josephine Anne Cassar**

**vs**

**Jason Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u sitt centezmi (Lm262.06) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Novembru 2001 f'Triq l-Imdina, H'Attard bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAF 529 misjuqa mill-konvenut u vettura

bin-numru tar-registrazzjoni HAN 581 misjuqa minn John Cassar u propjeta' tal-asikurata Josephine Anne Cassar, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn , li l-imsemmi ncident gara b'tort tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi Lm6.00 tall-konsult u dawk tal-ittra ufficjal prezentata kontestwalment kontra s-socjeta'' assikuratrici tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda htija ta' John Cassar is-sewwieq tal-vettura numru HAN 581.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi-mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda ta' John Lentini, ta' Ps 950 Alan Buhagiar, ta' Jjohn Cassar u tal-konvenut Jason Micallef. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Novembru 2001 fi Triq l-Imdina, H'Attard bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAN 581 misjuqa minn John Cassar u vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAF 529 misjuqa mill-konvenut Jason Micallef. Il-vettura misjuqa minn John Cassar hija propjeta' tal-attrici Josephine Anne Cassar u hija assikurata taht polza 'Comprehensive' mas-socjeta' attrici.

John Cassar xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru HAN 581, huw kien qed jipprocedi f'Imdina Road, H'Attard, gej mid-direzzjoni tar-Rabat. Huwa ried iidur ghal triq laterali, Triq Tumas Chetcuti, u kien wieqaf bl-'indicator' mixghul jistenna sabiex idur u ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta tiswervja u f'daqqa wahda hass daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tieghu,, liema daqqa qalaghha mill-vettura tal-konvenut li kienet gejja minn warajh. John Cassar jghid li l-vettura tal-konvenut ghaddiet bi sbrixx minn mieghu u peress li l-vettura tieghu ghandha 'bullbar' li jisporgi l-barra zewg pulzieri minn kull naha minn mal-genb tal-vettura tieghu, dan il-'bullbar tghawweg u ghalhekk John Cassar isostni li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Cassar jghid li huwa kien ilu wieqaf madwar ghoxrin sekonda u li l-'indicator' xeghelu ftit qabel ma waqaf. Huwa jsostni wkoll li l-konvenut baqa' miexi madwar mitt metru l-boghod minn fejn jidher fl-iskizz wara l-impatt u waqaf fuq 'zebra crossing' li hemm aktar l-isfel izda imbaghad irreversja u waqaf fil-posizzjoni li hija ndikata fl-iskizz.  Dan ix-xhud jghid ukoll li huwa waqaf fil-posizzjoni ndikata fl-iskizz u mhux aktar l-isfel stante li fi Triq Tumas Chetcuti, u cioe' t-triq li ried jidhol fiha, hemm sinjali mal-art li ma tistax tghaddi minn fuqhom u huwa kien ikollu jghaddi minn fuq dawn is-sinjali kieku kiser minn posizzjoni aktar l-isfel fit-triq.

Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Imdina, H'Attard, kien gej mid-direzzjoni tar-Rabat u sejjer fid-direzzjooni ta' H'Attard. Huwa jghid li fid-direzzjoni li fiha kien qed jipprocedi kien hemm karreggjata wahda biss u li huwa kien ilu miexi wara l-vettura ta' Cassar ghal madwar tlett mitt metru., anki jekk dan tal-ahhar kien qed isuq daqxejn aktar lejn ix-xellug. Il-konvenut jghid li kien hemm distanza ta' madwar tlett vetturi bejjjn il-karozza tieghu u dik ta' John Cassar u li meta waslu f'dik il-parti tat-triq aktar wiesgha kien hemm spazju sabiex huwa jghaddi stante li Cassar kien qed isuq aktar lejn ix-xellug. Il-konvenut jghid li huwa ghalhekk zied il-velocita' u malli wasal bbiswit il-vettura ta' Cassar, dan tal-ahhar kiser ghal fuqu.  Il-konvenut jispjega li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-'mudguard ta' quddiem u fil-bieba

tal-passiggier filwaqt li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fil-'bullbar' li huwa sporgut  il-barra madwar zewg pulzieri, dan il-'bullbar tghaffeg il-gewwa bl-impatt. Il-konvenut jghid li huwa ma waqafx mal-ewwel mal-impatt stante li kwazi l-aanqas induna li habat. Huwa jghid ukoll li Cassar caqlaq il-vettura wara l-habta sabiex ikunu jistghu jghaddu xi vettturi u li huwa qatt ma ra lil dan tal-ahhar jieqaf izda biss miiexi b'velocccita' anqas minnu u ra l-vettura ftit angolata izda dejjem miexja u minghajr 'indicator' mixghul. Il-konvenut jghid ukoll li kienet gejja vettura ohra mid-direzzjoni opposta u li huwa prova jaqla' l-vettura ta' Cassar sabiex jevita lil din il-vettura.  Dejjem skond il-konvenut huwa kien qed issuq b'velocita' ta' madwar 60 kilometru fis-siegha meta zied il-velocita' sabiex jghaddu minn hdejn il-vettura ta' Cassar.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-incident ''de quo' sehh unikament tort tal-konvenut. Mill-provi rrizulta ampjament li dan tal-ahhar ghamel manuvra ta' sorpass ghal kollox azzardata. Ghalkemm huwa jipprova jichad li effetwa manuvra ta' sorpass tal-vettura ta' Cassar, il-provi jindikaw li huwa fil-fatt hekk ghamel ghaliex f'parti mix-xhieda tieghu huwa jammetti li "inzid nghid li kienet gejja vettura ohra mid-direzzjoni opposta u jiena pruvajt naqla' l-vettura tal-attur sabiex nevita l-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta". Il-manuvra ta' sorpass maghmula mill-konvenut kienet ghal kollox azzardata ghal diversi ragunijiet u cioe':-

1. Huwa ghamel din il-manuvra vicin ta' inkrocju meta l-Highway Code jghid specifikatament "do not overtake at a junction'.
2. Inoltre huwa ra l-vettura ta' Cassar miexja b'velocita' anqas minnu u skond hu ftit angolatta u ghalhekkk una volta li kienu qeghdin vicin ta' inkrocju messu nduna li Cassar kien ser jieqaf sabiex eventwalment jikser.
3. Huwa ghamel kalkola hazin meta haseb li seta' jaqbez il-vettura ta' Casar uu ma ndunax li din kellha l-'bullbar' sporgut il-barra madwar zewg pulzzieri mill-genb.

Illi t-Tribunal jidhirlu li John Cassar m'ghandu ebda htija ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza stante li fil-mument tal-impatt huwa kien wieqaf qed jistenna biex

jikser lejn il-lemin sabiex jidhol fi Triq Tumas Cchetcuti izda kien ghadu ma bediex jikser. Dan jirrizulta mill-posizzjoni tal-vettura tieghu kif riportata fl-iskizz fejn il-vettura tieghu tidher ghal kollox dritta u jirrizulta anki mill-entita tal-hsara riportata fil-vettura tieghu, liema hsara hija biss fil-'bullbar' li kien sporgut il-barra u imkien iehor fil-genb. Dan ifisser li meta l-konvenut beda l-manuvra ta' sorpass huwa ma ndunax bil-'bullbar' u laqat l-istess 'bullbar' meta ghadda biswit il-vettura ta' Cassar. Il-konvenut jipprova jsostni li Cassar caqlaq il-vettura tieghu mal-impatt izda t-Tribunal jirrileva li l-konvenut naqas milli jirrileva dan il-fatt lis-Surgent li nvestiga l-kaz u inoltre jirritjeni li x-xhieda tal-konvenut m'h'jex kredibbli f'd'n ir-rigward.

Illi d-danni reklamati mill-atturi ma gewx kontestati mill-konvenut u inoltre l-istess atturi esebew l-ircevuti kollha relattivi in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentemetn jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u sitt centezmi (Lm262.06), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dak tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------